**BIEX IL-BNIEDEM IKUN SALV?**

**40 ĦAĠA (LI ALLA JGĦID) LI JSALVAW (KOLLHA GĦANDHOM IKUNU PREŻENTI QABEL MA WIEĦED IKUN SALV)**

**BIEX IL-BNIEDEM IKUN SALV?**

Għalkemm spiss nisimgħu fid-dinja reliġjuża li persuna hija salva permezz ta' ħaġa waħda biss – "fidi biss" — it-Testment il-Ġdid attwalment juri diversi ħwejjeġ li bihom persuna sslava. Xi wħud minn dawn il-kondizzjonijiet jappartjenu għal Alla; u xi wħud għall-bniedem. Hawn taħt sejrin naraw 40 ħaġa dif-ferenti li l-Bibbja turi li aħna salvi bihom. Forsi wieħed jista' jsib aktar minn dawn.

1. **Atti 16:31** – "Huma weġbuh: **Emmen** fil-Mulej Ġesù, u ssalva int u l-familja tiegħek."

2. **Rumani 10:13** – "Għax kull min **isejjaħ** isem il-Mulej isalva."

**Mistoqsija**: Inkunu salvi aħna **biss** billi "**nemmnu** fil-Mulej jew **insejħu** isem il-Mulej"?

3. **2 Pietru 3:16** – "Hekk kiteb fl-ittri kollha tiegħu, li fihom tkellem fuq din il-ħaġa. Dawn l-ittri fihom xi ħwejjeġ tqal biex wieħed jifhimhom, u dawk li ma jifhmux u li mhumiex sħaħ biżżejjed **ifissruhom ħażin** għat-telfien tagħhom stess**; hekk jagħmlu wkoll mill-kotba l-oħra ta' l-Iskrittura**."

## Il-Bibbja tgħidilna li aħna salvi:

1. **Bil-GRAZZJA**
   - a. **Atti 15:11 – "**Wara kollox aħna nemmnu, li bħalhom, **aħna nsalvaw permezz tal-graz-zja tal-Mulej Ġesù."**
   - b. **Efesin 2:5 –** "Meta aħna konna mejta min-ħabba fi dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu**—bi grazzja intom salvi."**
   - ċ. **Efesin 2:8** – "**Intom salvi bil-grazzja**, per-mezz tal-fidi; u dan mhux bis-saħħa tagħ-kom, imma b'don ta' Alla."
   - c. **Titu 2:11** – "Għax dehret **il-grazzja** ta' Alla, għas-salvazzjoni lill-bnedmin kollha."

2. **Bit-TAMA**
   - a. **Rumani 8:24** – "Għax **bit-tama** aħna sal-vati…"

3. **Bl-IMĦABBA**
   - a. **2 Tessalonikin 2:10** – "U bil-qerq kollu tal-ħażen f'dawk li jintilfu; għax ma laqgħux l-imħabba tas-sewwa (verità) biex isalvaw."
   - b. **1 Ġwanni 3:14-16** – "Nafu li għaddejna mill-mewt għall-ħajja; dan nafuh għax **in-ħobbu** lil ħutna; **min ma jħobbx jinsab fil-mewt**. Kull min jobgħod lil ħuh hu qattiel, u intom tafu li ebda qattiel ma għandu fih il-ħajja

ta' dejjem. B'dan naslu biex nagħarfu x'inhi **l-imħabba**: li Kristu ta ħajtu għalina. Aħna wkoll mela għandna nagħtu ħajjitna għal l-aħwa."

4. **Bit-TAGĦLIM**
   a. **1 Timotju 4:16** – "Għasses fuqek innifsek u fuq **it-tagħlim** tiegħek; żomm sħiħ f'dawn il-ħwejjeġ, għax, jekk tagħmel hekk, **issalva** lilek innifsek u lil dawk li jisimgħuk."

5. **Billi NIBQGĦU FIDILI SA L-AĦĦAR**
   a. **Matthew 10:22** – "U tkunu mibgħudin mill-bnedmin kollha minħabba f'ismi; iżda **dak li jibqa' sa l-aħħar** ikun **salvat**"
   b. **Rivelazzjoni 2:10** – "…kun fidil **sal-mewt**, u nagħtik il-kuruna tal-ħajja."

6. **Bis-SABAR**
   a. **2 Pietru 3:15** – "**Is-sabar** li bih il-Mulej jeħodna qisuh bħala **salvazzjoni** tagħna…"

7. **Bid-DEMM TA' KRISTU**
   a. **Mattew 26:28** - "Għax dan huwa **demmi, id-demm** tal-patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet."
   b. **Atti 20**:28 – "Ħudu ħsieb tagħkom infuskom u tal-merħla kollha li l-Ispirtu s-Santu għas-siesa tagħha biex tirgħu l-knisja ta' Alla li hu **kiseb b'demmu stess**."
   c. **Rumani 5:9** – "Kemm aktar u aktar, issa li aħna **ġġustifikati b'demmu**, **insalvaw** permezz tiegħu mill-korla ta' Alla."
   d. **Efesin 1**:7 – "Fih aħna għandna l-fidwa **bid-demm** tiegħu, il-maħfra tad-dnubiet, skond il-għana tal-grazzja tiegħu."
   e. **1 Pietru 1:18-19** – "Kunu afu li intom kontu mifdija mill-ħajja tagħkom fiergħa li ħadtu mingħand missirijietkom, mhux b'xi ħaġa li tintemm, bħalma hi l-fidda jew id-deheb, **imma bid-demm** għażiż ta' Kristu, li kien bħal ħaruf bla għajb u bla tebgħa."
   f. **Rivelazzjoni 1:5** – "Kif ukoll mingħand Ġesù Kristu, ix-xhud fidil, il-Kbir fost il-mejtin, il-Prinċep tas-slaten tad-dinja. Lil Dak li ħabbna, u **li ħallna minn dnubietna bis-saħħa ta' demmu**."

8. **Permezz tal-ĦAJJA TA' KRISTU**
   a. **Rumani 5:10** –Jekk meta konna għanda għedewwa ta' Alla tħabbibna miegħu bis-saħħa tal-mewt ta' Ibnu, kemm iktar issa, li aħna ħbieb miegħu, **insalvaw permezz tal-ħajja tiegħu**?"

9. **Bl-EVANĠELJU**
   a. **Romans 1:16** – "Jiena ma nistħix mill-Evanġelju**: għax l-Evanġelju hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni**…"

b. **1 Korintin 15:1-2** – "Ħuti, irrid infakkarkom **fl-Evanġelju** li intom ilqajtu u li fih qegħdin iżżommu sħiħ. **Bih intom salvi** bil-kelma li jien ħabbartilkom, jekk ma emmintux bl-addoċċ."

**10. Bil-KELMA**

**a.** **Ġakbu 1:21** –"Neħħu għalhekk minn fuqkom kull ma hu mniġġes u kull fdal ta' ħażen, u ilqgħu bil-ħlewwa **l-kelma** mħawla fikom**, li tista' ssalvalkom ruħkom**." "

**11. Bl-ISKRITTURA**

**a.** **2 Timothy 3:15** – "Għax sa minn tfulitek ilek taf **l-iskrittura mqaddsa**, li tista' tagħmlek għaref **għas-salvazzjoni** permezz tal-fidi, li hi fi Kristu Ġesù ."

**12. Billi NSEJĦU L-ISEM TAL-MULEJ**

a. **Rumani 10:13** – "Għax kull min **isejjaħ isem il-Mulej isalva**."
(Dan il-vers huwa wieħed mill-favoriti ta' dawk li jgħallmu li wieħed isalva qabel il-magħmudija!).

b. **Acts 22:16** – "U issa x'int tistenna? Qum! Tgħammed u nħasel minn dnubietek, **int u ssejjaħ ismu**."

c. **Atti 2:21** – "U jiġri li kull min **isejjaħ isem il-Mulej ikun salv**."
   i. Innota: Il-mod li bih huma "sejħu" ma kienx permezz tat-talb, imma bil-fidi, bl-indiema, u bil-magħmudija tagħhom – **Atti 2:36-38**.

**13. Bil-PREDIKAZZJONI**

a. **1 Korintin 1:21** – "Forsi Alla ma bellahx il-għerf tad-dinja? U billi, fil-għerf ta' Alla, id-dinja b'għerfha ma għarfitx lil Alla, Alla għoġbu **jsalva** lil min jemmen bil-bluha **tal-predikazzjoni**."."

b. **Rumani 10:13-14** – "Għax kull min isejjaħ isem il-Mulej isalva. Imma kif jistgħu jsejħu lil dak li ma jemmnux fih? Kif jistgħu jemmnu f'dak li ma semgħux bih? Kif jistgħu jisimgħu jekk ma **jxandrulhomx**?"
   **i.** Qiegħed tara kemm huwa tagħlim falz meta wieħed jgħallem salvazzjoni permezz tal-fidi weħidha? Innota dawn **iż-żewġ versi flimkien**!
   **ii.** Jekk wieħed jikkwota vers 13 waħdu, allura dan ikun qiegħed jgħallem tagħim falz, kif fil-fatt qiegħed isir minn xi reliġjużi li jippriedkaw fidi weħidha!
   **iii.** Wieħed għandu jaqra l-kontenut kollu u mhux parti minnu biss!

**14. Bil-FIDI**

**a.** **Rumani 5:1** – "Issa li aħna iġġustifikati **bil-fidi**, għandna s-sliem ma' Alla permezz ta' Sidna Ġesù Kristu."

**b.** **Galatin 3:26** – "Qabel ma ġiet **il-fidi**, aħna konna miżmumin priġunieri taħt il-ħarsien tal-liġi, sa ma tiġi **l-fidi** li kellha tkun rivelata."

**c.** **Efesin 2:8** – "Għax intom salvi bil-grazzja, **permezz tal-fidi**…"

d. **Lhud 11:6** – “Mingħajr **il-fidi** ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla. Għax kull min jersaq lejn Alla jaħtieġlu **jemmen** li Alla jeżisti u li hu jagħti l-ħlas xieraq lil dawk li jfittxuh.”

Iva, aħna salvati bil-fidi u mhux bl-opri imma x’inhi l-fidi skond il-Mulej tagħna Ġesù Kristu?

a. **Ġwanni 6:29** – “Weġibhom Ġesù: **L-OPRA** ta’ Alla hija din: li intom **temmnu** f’dak li huwa bagħat.”
   i. L-*opra* hija din—li intom *x’tagħmlu*?
   ii. Li intom **temmnu**!
   iii. FIDI, skond Ġesù, hija **OPRA**!
   iv. Imma mingħajrha ma nistgħux nogħġbu lil Alla!
   v. Mela l-fidi hija meħtieġa għas-salvazzjoni.

**15. Bit-TWEMMIN**

a. **Mark 16:15-16** – “Min **jemmen** u jitgħammed isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat.”
b. **Ġwanni 3:16 –** Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min **jemmen** fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta’ dejjem.”
c. **Ġwanni 8:24** – “Kif għedtilkom jien, intom tmutu fi dnubietkom Għax jekk intom ma **temmnux** li jien hu dak li hu, tmutu fi dnubietkom.”
d. **Ġwanni 20:31** – “Iżda dawn inkitbu sabiex intom **temmnu** li Ġesù hu l-Messija Bin Alla, u biex **bit-twemmin** tagħkom ikollkom il-ħajja f’ismu.”
e. **Atti 16:30-31** – “Imbagħad ħariġhom barra u qalilhom: “Sinjuri, x’għandi nagħmel biex insalva?” Huma weġbuh: “**Emmen** fil-Mulej Ġesù, u ssalva int u l-familja tiegħek .”
   i. Imma TWEMMIN BISS MHUWIEX BIŻŻEJJED!
f. **Ġwanni 12:42-43** – “Imma b’danakollu ħafna mill-kapijiet **emmnu** wkoll, iżda minħabba l-Fariżej dan ma stqarrewhx, biex ma jitkeċċewx ’il barra mis-sinagoga. Għalihom kienet aktar għażiża l-glorja tal-bnedmin mill-glorja ta’ Alla.”

**16. BI STQARRIJA TAL-FIDI TA’ DAK LI JKUN FIL-MULEJ**

a. **Rumani 10:9-10** – “Jekk **tistqarr** b’fommok, “Ġesù hu l-Messija”, u temmen b’qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, inti ssalva. Wieħed jemmen f’qalbu biex ikollu l-ġustizzja u **jistqarr** b’xofftejh biex ikollu s-salvazzjoni.”.” (see Acts 8:35-39).

**17. Bl-INDIEMA**

a. **Luqa 13:3** – “Le, ngħidilkom; imma **jekk ma tindmnux**, ilkoll tintilfu bħal-hom.”
b. **Atti 2:38** – “U Pietru weġibhom: “**Indmu**, u jitgħammed kull wieħed minnkom; u intom tirċievu d-don ta’ l-Ispirtu s-Santu.”

c. **Atti 3:19** – "**Indmu**, mela, u erġgħu lura minn dnubietkom biex jinħafrulkom."
d. **Atti 17:30** – "Alla għalaq għajnejh sakemm il-bnedmin kienu għadhom ma jafux; issa għarrafhom li kulħadd għandu **jindem**, hu fejn hu."
e. **Atti 26:20** – "Imma kont inxandar, l-ewwel lil-Lhud ta' Damasku, imbagħad lil dawk ta' Ġesrusalem u ta' l-art kollha tal-Lhudija, u lill-pagani wkoll, li għandhom **jindmu** u jduru lejn Alla, billi jagħmlu **opri xierqa ta' indiema**."
f. **2 Korintin 7:10** – "Swied il-qalb kif irid Alla jnissel **l-indiema għas-salvazzjoni**, li minnha ħadd ma jibdielu; imma swied il-qalb kif trid id-dinja jwassal għall-mewt."

**18. Bil-MAGĦMUDIJA**

a. **Mark 16:16** – "Min jemmen u **jitgħammed**, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat."
b. **Atti 2:38** – "Indmu, u **jitgħammed** kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu."
c. **Rumani 6:4** – "Għalhekk aħna midfunin miegħu bil-magħmudija fil-met; biex bħalma Kristu qam mill-imwiet bil-glorja tal-Missier, **hekk ukoll aħna** nimxu fit-tiġdid tal-ħajja."
d. **Atti 22:16 –** "U issa x'int tistenna? Qum! **Tgħammed** u nħall minn dnubietek, int u ssejjaħ ismu."
e. **1 Pietru 3:21** – "Dan l-ilma kien ifisser il-**magħmudija, li issa ssalva lilkom** ukoll. Mhux għax tnaddaf il-ħmieġ tal-ġisem, imma għax hi talba lil Alla ħierġa minn kuxjenza safja bis-saħħa tal-qawmien ta' Ġesù Kristu."
   **i.** Il-mistoqsija hawn hija din: **Il-magħmudija, minn xhix issalvana**?
   **ii.** Jekk wieħed ikun salv **qabel** il-magħmudija allura dan il-kliem huwa falz!
   **iii.** Mela l-magħmudija hija meħtieġa għas-salvazzjoni!
   **iv.** **Rumani 3:4** – "Ħa jkun jaf kulħadd **li Alla hu sinċier u kull bniedem giddieb**."

**19. Bl-UBBIDJENZA**

a. **Mattew 7:21** – "Mhux kull min igħidli, 'Mulej, Mulej,' jidħol fis-saltna tas-smewwiet, iżda **min jagħmel** ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet!"
b. **Mattew 21:28-31** – "Intom x'jidhrilkom? Kien hemm raġel li kellu żewġ ulied. Resaq fuq il-kbir u qallu, 'Ibni, illum mur aħdem il-għalqa tad-dwieli.' U dak qallu, 'Ma rridx.' Iżda mbagħad biddel il-fehma **u mar**. Resaq fuq l-ieħor u qallu l-istess. 'Arani sejjer, sinjur,' qallu dan, **u ma mar xejn**. Min minnhom it-tnejn għamel kif ried il-missier?" "L-ewwel wieħed," weġbuh. U qalilhom Ġesù: "Tassew, ngħidilkom, li l-publikani u n-nisa tat-triq deħlin qabilkom fis-saltna ta' Alla."

c. **Rumani 2:8-9** – "Iżda lil dawk li jmieru, u **ma jobdux** il-verità, **iżda jobdu l-ħażen**, qilla, u għadab, niket u dwejjaq fuq kull ruħ ta' bniedem li jagħmel il-ħażen, tal-Lhudi l-ewwel, u mbagħad ukoll tal-Grieg."
d. **Rumani 6:16-18** – "Ma tafux intom, li lil min tagħtu ruħkom bħala qaddejja biex **tobduh**, issiru qaddejja ta' dak li **tobdu**; sewwa tad-dnub għall-mewt, u sewwa ta' **l-ubbidjenza** għall-ħaqq? Iżda niżżuħajr 'l Alla, għax kontu l-qaddejja tad-dnub, imma minn qalbkom **obdejtu** lil dik il-għamla ta' tagħlim li għaliha intom kontu mogħtijin. Billi ħlistu mid-dnub, sirtu l-qaddejja tal-ħaqq."
e. **Filippin 2:12** – "Għalhekk, maħbubin tiegħi, bħal ma **obdejtu** dejjem, mhux biss quddiemi, iżda wisq aktar issa li miniex hemm, aħdmu s-salvazzjoni tagħkom stess bil-biża' u t-tregħid."
f. **Lhud 5:9** – "U billi kien magħmul perfett, sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal dawk kollha li **jobduh**."

## 20. BILLI WIEĦED JGĦAMMAR FIL-MULEJ

a. **Ġwanni 15:1-6** – "Jiena d-dielja vera u Missieri l-bidwi. Kull fergħa **fija** li ma tagħmilx frott jaqtagħha; u kull waħda li tagħmel il-frott jiżborha u jnaddafha, biex tagħmel frott aktar. Intom ġa ndaf minħabba l-kelma li għedtilkom. **Ibqgħu fija**, u jiena nibqa' fikom. Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma **tibqgħux fija**. Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min **jibqa' fija u jiena fih**, dan jagħmel ħafna frott**; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn**. Jekk wieħed **ma jibqax fija**, jintrema barra bħal fergħa u jinxef; imbagħad, friegħi bħal dawn jiġbruhom u jixħtuhom fin-nar u jinħarqu."
b. **Rumani 8**:1 – "Mela issa ma hemm ebda kundanna għal **dawk li jgħixu fl-għaqda ma' Kristu Ġesù**. Għax il-liġi ta' l-Ispirtu li jagħti l-ħajja fi Kristu Ġesù ħelsitni mil-liġi tad-dnub u tal-mewt."
c. **2 Korintin 5**:**17** – "Meta wieħed **jingħaqad ma' Kristu**, isir ħolqien ġdid; il-qadim għadda u daħal il-ġdid."
d. **1 Ġwanni 5**:12 – "**Min għandu l-Iben għandu l-ħajja**; min ma għandux l-Iben ta' Alla ma għandux il-ħajja."
e. **2 Ġwanni 9** – "Jekk xi ħadd jaqbeż 'il barra **u ma jibqax** fit-tagħlim ta' Kristu, dan ma għandux lill Alla fih." Imma **min jibqa'** fit-tagħlim, għandu l-Missier u l-Iben fih."

## 21. Bil-KUXJENZA (MHUX VJOLENTATA)

a. **Rumani 14:23** – "Min jiekol bid-dubju hu ikkundannat għax mhux miexi skond il-konvinzjoni **tal-kuxjenza** tal-fidi, u kullma ma hux mill-konvinzjoni tal-fidi hu dnub."

## 22. Billi MMUTU GĦALL-ĦAJJA MIDINBA

a. **Rumani 6:12, 13, 16** – "Tħallux, mela, li d-dnub isaltan fuq dan il-ġisem tagħkom li jmut u toqogħdu għall-ġibdiet tiegħu; anqas ma għandkom

tħallu l-membri ta' ġisimkom isiru għodda ta' inġustizzja għas-servizz tad-dnub; imma offru ruħkom lil Alla bħala nies li reġgħu **mill-mewt għall-ħajja** ħalli l-membri ta' ġisimkom isiru għodda tal-ġustizzja għas-servizz ta' Alla għall-ġustizzja tagħkom…Ma tafux li jekk intom toffru ruħkom lil xi ħadd b'ilsiera biex tobduh, ta' min tkunu tobdu tkunu l-ilsiera, kemm jekk dan ikun id-dnub, li jwassal għall-mewt, u kemm jekk tkun l-ubbidjenza li twassal għal ġustifikazzjoni?"

**23. Billi NIBŻGĦU MINN ALLA**

a. **Atti 10:34-35** – "Pietru qabad jitkellem u qal: "Issa tassew qiegħed nifhem li Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd, imma **jilqa' lil kull min għandu l-biża' tiegħu u jagħmel is-sewwa**, <u>ikun minn liema poplu jkun</u>."

b. **Rumani 3:9-18** – "X'ingħidu mela? Aħna l-Lhud aħjar mill-oħrajn? B'ebda mod. Ġa wrejna li sew il-Lhud kemm il-Griegi huma lkoll taħt il-ħakma tad-dnub. Kif hemm miktub: "Ħadd, ebda wieħed, ma hu ġust; ħadd ma għandu moħħ biex jifhem; ħadd ma hemm li jfittex lil Alla. Ilkoll ħarġu minn triqathom; ilkoll kemm huma tħassru; ħadd ma hemm li jagħmel is-sewwa; m'hemm l-anqas wieħed. Ħalqhom bħal qabar miftuħ; b'ilsienhom iqarrqu; taħt xofftejhom hemm il-velenu tas-sriep; fommhom mimli saħtiet u mrar; riġlejhom ħfief biex ixerrdu d-demm, kull fejn imorru ma jħallux għajr ħerba u qerda; it-triq tas-sliem ma jafuhiex; quddiem għajnejhom **biża' ta' Alla m'hemmx**."

**24. Billi NAĦFRU LILL-OĦRAJN**

**a. Mattew 6:14-15** – "Għax jekk intom **taħfru** lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, Missierkom li hu fis-smewwiet jaħfer lilkom ukoll. Imma jekk intom **ma taħfrux** lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, anqas Missierkom ma jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom."

**b. Mattew 18:21-35** – "Imbagħad Pietru resaq lejh u qallu: "Mulej, xi kemm-il darba jrid jonqosni ħija biex **jien naħfilru**? Sa seba' darbiet?" "Ma ngħidlekx sa seba' darbiet," wieġbu Ġesù, "imma sa sebgħa u sebgħin darba. Għalhekk is-saltna tas-smewwiet nistgħu nxebbhuha ma' wieħed sultan, li ried jagħmel il-kontijiet mal-qaddejja tiegħu. Kif beda jagħmel dan, ħadulu quddiemu wieħed li kellu jagħtih għaxart elef talent. Ma kellux minn fejn iroddhomlu, u s-sinjur ordna li jinbiegħu hu, martu, uliedu u kull ma kellu, ħalli b'hekk jitħallas id-dejn. Imma l-qaddej xteħet quddiemu jitolbu u jgħidlu, 'Sinjur, stabar ftit bija; kollox irroddlok.' Is-sinjur ġietu ħasra minn dak il-qaddej, bagħtu u **ħafirlu** dejnu. Mela dak il-qaddej joħroġ, u jiltaqa' ma' wieħed minn sħabu, li kellu jagħtih mitt-dinar; qabdu minn għonqu u beda jagħfsu. 'Ħallas dejnek,' qallu. Il-qaddej sieħbu xteħet quddiemu jitolbu bil-ħniena u jgħidlu, 'Stabar ftit bija u nħallsek.' Imma dak ma riedx jaf; mar u xeħtu l-ħabs sa ma jrodd kull ma kellu jagħtih. Sħabu l-qaddejja raw il-ġrajja kollha u sewdu qalbhom ħafna; marru għand is-sinjur tagħhom u tarrfulu kull ma kien ġara. Imbagħad is-sinjur bagħat

għalih u qallu, 'Ja qaddej ħażin, meta jiena ħfirtlek dak id-dejn kollu wara li tlabtni bil-ħniena, ma kienx imissek int ukoll tħenn għal sieħbek kif ħennejt jien għalik?' U saħan bl-aħrax is-sinjur għalih, u tah f'idejn min jaħqru sa ma jrodd kull ma kellu jagħti. Hekk jagħmel lilkom Missieri li hu fis-smewwiet **jekk ma taħfrux lil xulxin minn qalbkom**."

25. **B'ALLA L-MISSIER**

**a.** **2 Tessalonikin 2:13** – "Aħna għandna nizżu ħajr 'l Alla minħabba fikom, ħuti maħbubin mill-Mulej, għaliex **Alla** għażilkom biex tkunu l-ewwel frott tal-fidwa bil-qdusija ta' l-Ispirtu s-Santu u l-fidi fil-verità. Għal dan **Alla** sejħilkom *permezz ta' l-evanġelju* tagħna, biex ikollkom sehem fil-glorja ta' Ġesù Kristu."

**b.** **1 Timotju 4:9-10** – "Din hi kelma ta' min jemminha u jilqagħha għal kollox: hu għal dan il-għan li aħna nitħabtu u nitqabdu, għax it-tama tagħna hi **f'Alla** l-ħaj, li hu s-Salvatur tal-bnedmin kollha, l-aktar ta' dawk li jemmnu."

**c.** **2 Timotju 1:8-9** – "Mela tistħi xejn minħabba fix-xhieda għal Sidna, anqas minħabba fija, priġunier tiegħu, imma aqsam miegħi t-tbatija għal l-evanġelju, u afda **fil-qawwa ta' Alla, li salvana** u sejħilna b'sejħa qaddisa, mhux għax qies l-egħemejjel tagħna, imma skond il-pjan tiegħu stess u skond il-grazzja tiegħu. Din il-grazzja tahielna qabel iż-żmien ta' l-eternità fi Kristu Ġesù."

26. **Bil-QDUSIJA**

**a.** **Rumani 6:22** – "Imma issa li ħlistu mid-dnub u sirtu lsiera ta' Alla, qegħdin taħsdu għalikom frott li jwassal **għall-qdusija**, u għandkom bħala tmiem il-ħajja ta' dejjem."

**b.** **Lhud 12:14**— "Fittxu li żżommu s-sliem ta' kulħadd u **li jkollkom il-qdusija, li mingħajrha ħadd ma jara 'l Alla**."

27. **BL-UMILTÁ**

**a.** **1 Pietru 5:5-6** – "Hekk ukoll intom iż-żgħażagħ, oqogħdu għall-kelma tal-presbiteri. Ilkoll kemm intom, imbagħad ilbsu l-umiltà ma' xulxin għax Alla jeqfilhom lill-kburin, imma lil l-umli jagħtihom il-grazzja tiegħu. Kunu mela umli taħt l-id setgħana ta' Alla, biex hu jerfagħkom meta jkun il-waqt."

28. **Bil-ĦNIENA TA' ALLA**

a. **Rumani 2:4** – "Jew trid tabbuża mill-kobor tat-tjubija tiegħu, mis-sabar u l-ġenerożità tiegħu? Ma tafx li **b'din il-ħniena tiegħu** Alla jrid iwasslek għal l-indiema?"

b. **Titu 3:5** – "Hu salvana bil-ħasil ta' twelid ġdid u t-tiġdid ta' l-Ispirtu s-Santu, mhux minħabba l-opri tajba li stajn agħmilna aħna, iżda minħabba **l-ħniena** tiegħu."

c. **1 Pietru 1:3-4** – "Ikun imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li **fil-ħniena** kbira tiegħu wellidna mill-ġdid għal tama ħajja bil-qawmien ta' Ġesù Kristu mill-imwiet u għal wirt, li la jitħassar, la jittebba', u lanqas jinxef."

**29. B'ĠESÙ KRISTU**

**a. Mattew 1:21** – "Hi se jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom."

**b. Ġwanni 10:9** – "**Jiena hu** l-bieb; jekk xi ħadd jidħol ġewwa **permezz tiegħi**, isalva, u jidħol u joħroġ u jsib fejn jirgħa."

**c. Ġwanni 11:25** – "Qalilha Ġesù: "**Jien hu** l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, wkoll jekk imut, igħix; u kull min igħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt…."

**d. 1 Timotju 1:15** – "Din hija kelma ta' min jemminha u jilqagħha għal kollox: li **Kristu Ġesù** ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin…."

**30. Permezz TAGĦNA NFUSNA**

**a. Atti 2:37, 40** – "Dan il-kliem li semgħu laqtilhom qalbhom, u qalu lil Pietru u lil l-appostli l-oħra: "L-aħwa, **x'għandna nagħmlu aħna**?….U b'ħafna kliem ieħor tahom xhieda u wissiehom billi qalilhom: "**Salvaw lilkom infuskom** minn dan in-nisel ħażin."

**b. Atti 16:30** – "Imbagħad ħariġhom barra u qalilhom: "Sinjuri, **x'għandi nagħmel biex insalva**?"

**c. Atti 22:10** – "Imbagħad jien għedt, '**X'għandi nagħmel**, Mulej?…"

**d.** Minn dawn l-Iskritturi naraw li *hemm xi ħaġa li wieħed għandu jagħmel* biex isalva!

**31. Permezz TA' NIES OĦRA**

**a. Atti 8:12-13** – "Meta mbagħad emmnu l-bxara t-**tajba li Filippu kien ixandrilhom** fuq is-saltna ta' Alla u fuq l-isem ta' Ġesù Kristu, tgħammdu, kemm l-irġiel u kemm in-nisa. Xmun ukoll emmen u tgħammed, u kien dejjem maġenb Filippu, u kien jibqa' miblugħ meta kien jara s-sinjali u l-mirakli kbar li kienu jsiru."

**b. Atti 8:34-39** – "Mela qal l-uffiċjal lil Filippu: "**Għidli**, nitolbok, għal min qiegħed igħid dan il-profeta? Għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor?" Imbagħad **Filippu fetaħ fommu** u beda minn din is-silta ta' l-Iskrittura **jxandarlu** l-bxara t-tajba ta' Ġesù. Huma u sejrin għal għonq it-triq, waslu f'post fejn kien hemm l-ilma. U l-uffiċjal qal: "Ara, hawn l-ilma! X'qiegħed iżommni li ma nitgħammidx?" **Filippu qallu**: "Jekk int temmen b'qalbek, tista'." L-ewnuku wieġeb: "Jiena nemmen li Ġesù Kristu hu l-Iben ta' Alla." Imbagħad ordna li jwaqqfu l-karru, niżlu t-tnejn fl-ilma, hu u Filippu, u dan għammdu. Malli telgħu mill-ilma, L-Ispirtu tal-Mulej ħataf lil Filippu; l-uffiċjal ma rahx iktar u baqa' sejjer fi triqtu kollu ferħan."

c. **Atti 11:13-14** – "Hu għarrafna kif kien ra l-anġlu f'daru, wieqaf quddiemu, u qallu, 'Ibgħat lil xi ħadd iġib minn Ġaffa lil Xmun, li jgħidulu Pietru; **u hu jgħidlek** kliem li bih issalva, int u l-familja tiegħek kollha.'

d. **Atti 22:12-16** – " Hemmhekk kien hemm wieħed, jismu Ħananija, raġel sewwa skond il-Liġi, li kellu fama tajba mal-Lhud li kienu joqogħdu hemm; ġie resaq fuqi **u qalli**, 'Sawl, ħija, ħu d-dawl.' Dak il-ħin stess bdejt nara u nħares lejh. Imbagħad **hu qalli**, 'Alla ta' missirijietna għażlek biex tagħraf ir-rieda tiegħu, tara lil dak li hu l-Ġust u tisimgħu jkellmek b'fommu stess. Għax int għad trid tixhed għalih quddiem il-bnedmin kollha fuq dak li rajt u smajt. U issa x'int tistenna? Qum! Tgħammed u nħasel minn dnubietek, int u ssejjaħ ismu.'"

e. **1 Korintin 9:22** – "**Sirt** dgħajjef mad-dgħajfin, biex nirbaħ id-dgħajfin. **Sirt** kollox ma' kulħadd, **biex insalva lil kulħadd**."

**32. Permezz TA' KLIEM**

a. **Atti 11:13-14** – "Hu għarrafna kif kien ra l-anġlu f'daru, wieqaf quddiemu, u qallu, 'Ibgħat lil xi ħadd iġib minn Ġaffa lil Xmun, li jgħidulu Pietru; u hu **jgħidlek kliem li bih issalva**, int u l-familja tiegħek kollha.'"

i. Hawn huwa muri ċar ħafna li wieħed isalva mhux biss billi jemmen biss imma billi jisma' l-kliem u jobdi dak li jingħad (ara Mattew 7:21-23; Luqa 6:46).

**33. Permezz TA' REALIZZAZZJONI TAD-DNUBIET TA' DAK LI JKUN**

a. **Luqa 5:32** – "Jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, **iżda lill-midinbin għal l-indiema**."

b. **Ġwanni 9:39-41** – "Imbagħad Ġesù qal: "Jien ġejt fid-dinja biex nagħmel il-ħaqq, biex min ma jarax isir jara, u min jara jagħma." Xi wħud mill-Friżej li kienu hemm madwaru semgħuh igħid dan u staqsewh: "Aħna wkoll għomja?" Weġibhom Ġesù: "Li kieku kontu għomja, ma kontux tkunu ħatja ta' dnub. Imma issa qegħdin tgħidu, '**Aħna naraw**.**'** **Mela d-dnub tagħkom għadu fuqkom**."

c. **Rumani 3:10, 23** – "Kif hemm miktub: "Ħadd, ebda wieħed, ma hu ġust…Il-bnedmin kollha **dinbu** u ċċaħdu mill-glorja ta' Alla."

d. **Rumani 5:12** – "Bħalma kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin **kollha**, **għax kollha dinbu**…."

**34. Permezz tal-PERSEVERANZA**

a. **Rumani 2:7-8** – "Jagħti l-ħajja ta' dejjem lil dawk **li jipperseveraw sa l-aħħar** fil-għemil it-tajjeb, u jkunu fittxew il-glorja u l-ġieh u l-ħajja; imma jerfa' l-korla u l-qilla għal dawk li ma jridu jisimgħu xejn; u jirvellaw kontra l-verità biex imbagħad joqogħdu għall-ħażen."

**35. Permezz tal-QAWMIEN TA' KRISTU**

a. **Atti 5:30-31** – "Alla ta' missirijietna qajjem lil Ġesù li intom qtiltuh billi dendiltuh ma' għuda. Alla għollieh bil-leminija tiegħu, u għamlu kap u salvatur, biex jagħti lil Israel l-indiema u l-maħfra tad-dnubiet."
b. **Atti 13:32-34, 37-38** – "U għalhekk aħna qegħdin hawn, biex nagħtukom il-bxara t-tajba, il-wegħda, li Alla kien għamel lil missirijietna, temmha għalina aħna wliedhom, **billi qajjem lil Ġesù mill-imwiet**, kif hemm miktub fit-tieni salm. 'Ibni int, jien illum nissiltek.' U dwar li hu **qajmu mill-imwiet**, biex qatt aktar ma jerġa' jġarrab it-taħsir, huwa qal hekk, 'il-ħwejjeġ qaddisa u żguri li wegħidt lil David, jiena nagħtihom lilkom.'…Imma dak **li Alla qajmu mill-imwiet** ma ġarrabx it-taħsir. Mela, ħuti, kunu afu dan: li permezz ta' Ġesù qiegħda tixxandrilkom il-maħfra tad-dnubiet."
c. **Rumani 4:25** – "Lilu Alla kkostitwieh vittma ta' espjazzjoni b'demmu permezz tal-fidi biex b'hekk Alla issa juri l-ġustizzja tiegħu, waqt li fl-imgħoddi għalaq għajnejh għad-dnubiet li saru fi żmien li kien jistabar bihom."
d. **1 Korintin 15:12-20** – "Jekk Kristu hu mxandar li kien imqajjem mill-imwiet, kif igħidu xi wħud minnkom li ma hemmx qawmien tal-mejtin? Jekk ma hemm qawmien tal-mejtin, anqas Kristu ma kien imqajjem mill-imwiet. Imma jekk Kristu ma kienx imqajjem mill-imwiet, fiergħa hi l-predikazzjoni tagħna, u fiergħa wkoll il-fidi tagħkom. U aħna noħorġu wkoll ta' xhieda foloz ta' Alla, għaliex inkunu tajna xhieda kontra Alla li huwa qajjem lil Kristu mill-imwiet, filwaqt li ma jkun qajmu xejn, jekk hu tassew li l-mejtin ma jqumux. Għax jekk il-mejtin ma jqumux, anqas Kristu ma kien imqajjem. **U jekk Kristu ma kienx imqajjem, fiergħa l-fidi tagħkom, u intom għadkom fi dnubietkom**. U mitlufa wkoll huma dawk li raqdu fi Kristu. Jekk għandna tama fi Kristu għal din il-ħajja biss, aħna l-aktar nies imsejkna fost kemm huma l-bnedmin**. Imma Kristu kien imqajjem tassew mill-imwiet**, l-ewwel frott fost dawk li raqdu."
e. **1 Pietru 1:3** – "Ikun imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li fil-ħniena kbira tiegħu wellidna mill-ġdid għal tama ħajja **bil-qawmien ta' Ġesù Kristu mill-imwiet**."

36. Bil-ĠUSTIZZJA

a. **Rumani 10:1-3** – "Ħuti, nixtieq tassew minn qalbi nitlob quddiem Alla li niesi **jsalvaw**. Jien xhud għalihom li huma għandhom iż-żelu għal Alla, iżda dan iż-żelu mhux mibni fuq il-għerf veru. Ma għarfux **il-ġustizzja ta' Alla**, imma fettxew il-**ġustizzja tagħhom**, u għalhekk **ma qagħdux għall-ġustizzja ta' Alla**."
b. **1 Ġwanni 3:7, 10** – "Uliedi, tħallux min iqarraq bikom**. Min jagħmel il-ġustizzja**, hu ġust fih innifsu, bħalma Kristu huwa ġust….F'dan jidhru min huma wlied Alla u min huma wlied ix-xitan: **għax min ma jagħmilx il-ġustizzja** mhuwiex minn Alla, anqas min ma jħobbx lil ħuh."

**37. Bl-ISPIRTU**

a. **Rumani 8:11** – "Jekk l-**Ispirtu** ta' dak li qajjem lil Ġesù mill-imwiet igħammar fikom, Alla stess li qajjem lil Kristu mill-imwiet iqajjem għall-ħajja wkoll il-ġisem mejjet tagħkom, bis-saħħa ta' **l-Ispirtu** li jgħammar fikom."

b. **Rumani 8:14** – "Dawk kollha li jmexxihom **l-Ispirtu** ta' Alla huma wlied Alla."

c. **1 Korintin 6:11** – "U minn dawn kienu xi wħud minnkom. Imma issa tnaddaftu, tqaddistu u ġejtu ġġustifikati fl-isem ta' Sidna Ġesù Kristu u fl-**Ispirtu** ta' Alla tagħna."

d. **1 Korintin 12:13** – "Għax aħna wkoll, ilkoll tgħammidna fi spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed, se Lhud sew Griegi, sew ilsiera sew ħielsa, u lkoll xrobna minn **Spirtu** wieħed."

**38. Bl-OPRI, (GĦEMEJJEL)**

a. **Ġakbu 2:21, 22, 24** – "Jaqaw Abraham missierna mhux **mill-għemil** kien iġġustifikat meta offra lil ibnu Iżakk fuq l-artal? B'hekk tara kif il-fidi ħadmet id f'id **mal-għemil** tiegħu, u kif bil-ħila **tal-għemil** il-fidi laħqet fl-aqwa tagħha…. Taraw, mela li l-bniedem ikun iġġustifikat **bil-għemil**, mhux bil-fidi biss."

**39. Billi NAĦSBU FL-ISPIRITWALI**

a. **Rumani 8:6-8** – "Ix-xewqat tal-ġisem iwasslu għall-mewt; ix-xewqat ta' l-**Ispirtu** jwasslu għall-ħajja u s-sliem. Għalhekk ix-xewqat tal-ġisem huma għedewwa ta' Alla; ma joqogħdux għal-liġi ta' Alla, u anqas jistgħu joqogħdu. Dawk li jgħixu skond il-ġisem ma jistgħux jogħġbu lil Alla."

b. **Rumani 8:12-13** – "Hekk mela, ħuti, aħna m'aħniex midjunin mal-ġisem biex ngħixu skond il-ġisem. Għax jekk tgħixu skond il-ġisem, tmutu; imma jekk tmewtu l-egħmil tal-ġisem **bl-Ispirtu**, tgħixu."

**40. BILLI NIMXU FID-DAWL**

a. **1 Ġwanni 1:7** – "Iżda jekk nimxu **fid-dawl**, kif inhu **fid-dawl** hu stess, aħna nissieħbu flimkien, u d-demm ta' Ġesù Kristu Ibnu jnaddafna minn kull dnub."

Għas-salvazzjoni m'hemmx triq iqsar. Jew wieħed jagħmel **dak kollu** li tgħidlu l-Kelma ta' Alla li għandu jagħmel biex isalva jew inkella dan jintilef!

Għalhekk il-Kelma ta' Alla għandha din it-twissija għalina:

"Tħallu 'l ħadd min iqarraq bikom bi kliem fieragħ: għax minħabba dawn il-ħwejjeġ jiġi l-għadab t'Alla fuq ulied id-diżubbidjenza" (Efesin 5:6).